**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru.: 38/2024 AC**

**Illum it-8 ta' Mejju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' 17-il sena, iben OMISSIS, imwieled nhar l-04 ta' Mejju 2006 ġewwa l-Pieta', u residenti ġewwa OMISSIS u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru OMISSIS, li kien akkużat talli nhar id-9 ta' Jannar 2024 u fil-ġranet u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Attard u f'diversi postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil ommu u ċioe' ***OMISSIS***, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u liema delitt sar bit-theddida ta' arma li taqta' u bil-ponta;

2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ommu, u ċioe' ***OMISSIS***, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, inġurja, u/jew hedded lil ommu ***OMISSIS*** bi kliem;

4. Għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra **OMISSIS** a benefiċċju ta' **OMISSIS** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' **OMISSIS** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **OMISSIS** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata minn din il-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **OMISSIS** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Għassa presjeduta mill-Maġistrat Dr. Noel Bartolo nhar il-11 ta' Jannar 2024[1];

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qrat u ħalfet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024[2];

Rat li wara li sar l-eżami mingħajr ġurament tal-imputat *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotti fil-konfront tiegħu[3];

Rat li waqt l-istess seduta l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' Trattament fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024[4] u jingħata l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga, u dan wara li l-imputat ta l-kunsens tiegħu għall-istess;

Rat li waqt l-istess seduta l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex ikun hemm divjet fuq l-isem tal-imputat u tal-vittma peress li l-imputat għadu minorenni[5];

Rat ir-Rikors tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datat it-18 ta' Jannar 2024 sabiex tinħareġ Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni fil-konfront tal-imputat[6];

Rat li din il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024[7];

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 7 tal-proċess u l-verbal tas-seduta msemmija a fol 3 tal-proċess
[3] Ara a fol 9 tal-proċess
[4] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[5] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 50 tal-proċess
[7] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 26 tal-proċess

Rat li din il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat għall-Ħelsien mill-Arrest permezz ta' digriet datat is-7 ta' Marzu 2024[8];

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024[9], l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu, u *ai termini* tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat permezz ta' Digriet datat is-6 ta' Jannar 2025[10];

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li m'hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati b'mod sommarju[11];

[8] Ara a fol 84 *et seq* tal-proċess
[9] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 120 *et seq* tal-proċess
[10] Ara a fol 136 tal-proċess
[11] Ara Dok AM1 a fol 10 tal-proċess

2. CD kontenenti l-Istqarrija Awdjo-Viżiva tal-Imputat[12];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat kif aġġornata fil-11 ta' Jannar 2024[13];

4. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[14];

5. Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata d-9 ta' Jannar 2024 li permezz tagħha informa lil din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa li l-imputat kien ser jinżamm taħt arrest għal perjodu li kien ser jeċċedi s-sitt sigħat[15];

6. NPS PCR Person Details tal-imputat[16];

7. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/86/2024[17];

8. Case Summary fir-rigward tal-imputat maħruġa mill-Isptar Mount Carmel[18];

9. Messaġġi bejn il-*Parte Civile* OMISSIS u l-imputat[19];

10. Messaġġi bejn il-*Parte Civile* OMISSIS u l-imputat[20];

11. Ritratt tal-imputat[21];

12. Referral for Domestic Violence Unit rigward il-*Parte Civile* OMISSIS[22];

13. Subscriber Details tal-*Parte Civile* OMISSIS u Rendikont ta' Telefonati[23];

---

[12] Ara Dok AM2 a fol 11 tal-proċess
[13] Ara Dok AM3 a fol 13 *et seq* tal-proċess
[14] Ara Dok AM4 a fol 15 tal-proċess
[15] Ara Dok AM5 a fol 16 tal-proċess
[16] Ara Dok AM6 a fol 17 tal-proċess
[17] Ara Dok AM7 a fol 18 *et seq* tal-proċess
[18] Ara Dok SV1 a fol 27 tal-proċess
[19] Ara Dok SV2 a fol 28 *et seq* tal-proċess
[20] Ara Dok SV3 a fol 33 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok SV4 a fol 40 tal-proċess
[22] Ara Dok SPA1 a fol 41 *et seq* tal-proċess
[23] Ara Dok CZ1 a fol 78 tal-proċess

14. Passaport tal-imputat[24];

15. Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata t-22 ta' April 2024 rigward l-allegat attentat ta' suwiċidju tal-imputat imsemmi fir-rikors tal-1 ta' April 2024[25];

16. Nota ta' Dr. Daniel Mercieca fl-irwol tiegħu bħala Koordinatur Kliniku ta' CARITAS Tal-Ibwar datata l-24 ta' April 2024 dwar l-andament tal-imputat[26];

17. Nota l-*Probation Officer* Maria Mifsud datata l-20 ta' Ġunju 2024 dwar l-andament tal-imputat[27];

18. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa data l-4 ta' Lulju 2024 li permezz tagħha infurmat lil din il-Qorti li kienet assenjata l-*Probation Officer* Maria Mifsud sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[28];

19. Nota b'rapport ta' Dr. Rachel Taylor-East u Ms. Claire Frendo fir-rigward tal-imputat datata t-8 ta' Ottubru 2024[29];

20. Rapport tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datat is-17 ta' Ottubru 2024 dwar l-andament tal-imputat[30];

21. Rapport tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datat id-9 ta' Jannar 2025 dwar l-andament tal-imputat[31];

22. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata t-13 ta' Frar 2025 bi *Pre-Sentencing Report* rigward l-imputat[32];

---

[24] Ara a fol 89 tal-proċess
[25] Ara a fol 97 *et seq* tal-proċess
[26] Ara a fol 102 tal-proċess
[27] Ara a fol 107 *et seq* tal-proċess
[28] Ara a fol 115 tal-proċess
[29] Ara a fol 116 *et seq* tal-proċess
[30] Ara a fol 129 *et seq* tal-proċess
[31] Ara a fol 138 *et seq* tal-proċess
[32] Ara a fol 141 *et seq* tal-proċess

23. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata t-28 ta' Jannar 2025 li permezz tagħha infurmat lil din il-Qorti li kienet assenjata l-*Probation Officer* Maria Mifsud sabiex tħejji *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat[33];

24. Rapport tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata s-26 ta' Frar 2025 dwar l-andament tal-imputat[34];

25. Email tal-*Probation Officer* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat datat is-27 ta' Frar 2025[35];

Rat ir-Rikors tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datat it-22 ta' Jannar 2024 sabiex jinħatru bħala esperti psikjatra u psikologu sabiex jevalvaw lill-imputat[36];

Rat il-verbal ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2024[37] u li permezz tiegħu ġie dikjarat li l-professjonisti involuti fil-programm tal-imputat hemm il-psikoterapista Claire Frendo u l-psikjatra Dr. Rachel Taylor East u li l-partijiet jaqblu li l-imsemmija professjonisti għandhom ikunu awtorizzati sabiex f'kull stadju ta' dawn il-proċeduri jintavolaw nota bl-andament tal-imputat u li f'każ li jkun hemm bżonn l-intervent tal-Qorti jinfurmawha bl-istess;

Rat li għalhekk ma kienx hemm in-neċessita' li r-rikors tal-Probation Officer datat it-22 ta' Jannar 2024 jiġi dekretat *stante* li kien hemm diġa' professjonisti involuti u għal kull buon fini l-Qorti permezz tal-preżenti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess rikors imsemmi;

Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat l-1 ta' April 2024 sabiex din il-Qorti tirrikjama l-kawża odjerna minħabba allegat attentat ta' suwiċidju da parti tal-imputat[38];

[33] Ara a fol 176A tal-proċess
[34] Ara a fol 177 tal-proċess
[35] Ara Dok MT1 a fol 179 *et seq* tal-proċess
[36] Ara a fol 51 *et seq* tal-proċess
[37] Ara a fol 109 tal-proċess
[38] Ara a fol 90 *et seq* tal-proċess

Rat li permezz ta' Digriet datat it-8 t'April 2024 il-Qorti laqgħet it-talba u rrikjamat il-kawża għal nhar il-11 t'April 2024[39];

Rat ir-Rikors ta' Dr. Daniel Mercieca fl-irwol tiegħu bħala Koordinatur Kliniku ta' CARITAS Tal-Ibwar datat it-22 ta' April 2024 rigward żviluppi dwar l-imputat[40];

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata t-22 t'April 2024[41];

Rat li l-Qorti laqgħet it-talba ta' Dr. Daniel Mercieca u permezz ta' Digriet datat it-23 t'April 2024 irrikjamat il-kawża għal nhar it-30 t'April 2024[42];

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ċioe' lill-*parte civile* **OMISSIS**[43], l-Spettur **Audrey Micallef**[44], **PC 3054 Mark Tabone**[45], **PC 354 Liam Darmanin**[46], **PC 2180 Rebecca Farrugia**[47], il-**Probation Officer Maria Mifsud**[48], **Charmaine Zammit** għan-nom ta' Epic Communications Limited[49], **PS 2018 Silvana Cesare**[50], PS 2421 **Shaznay Bugeja**[51], **Dr. Daniel Mercieca**[52], **Andrew Fiorini Lowell**[53] in rappreżentanza tal-IBWAR;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2024[54] u sussegwentement għad-Digriet ta' Din il-Qorti datat is-6 ta' Jannar 2025[55] u l-preżentata

[39] Ara a fol 92 tal-proċess
[40] Ara a fol 95 tal-proċess
[41] Ara a fol 97 *et seq* tal-proċess
[42] Ara a fol 100 tal-proċess
[43] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2024 a fol 26a *et seq* tal-proċess kif ukoll waqt is-seduta ta' nhar is-17 t'Ottubru 2024 a fol 122 *et seq* tal-proċess
[44] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2024 a fol 40a *et seq* tal-proċess
[45] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta ta' nhar l-1 ta' Frar 2024 a fol 58 *et seq* tal-proċess
[46] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta ta' nhar l-1 ta' Frar 2024 a fol 61 *et seq* tal-proċess
[47] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar l-1 ta' Frar 2024 a fol 63 *et seq* tal-proċess
[48] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar l-1 ta' Frar 2024 a fol 65 *et seq* tal-proċess
[49] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Frar 2024 a fol 75 *et seq* tal-proċess
[50] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Frar 2024 a fol 79 *et seq* tal-proċess
[51] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Frar 2024 a fol 81 *et seq* tal-proċess
[52] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta ta' nhar l-11 t'April 2024 a fol 104 *et seq* tal-proċess
[53] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta ta' nhar is-17 t'Ottubru 2024 a fol 126 *et seq* tal-proċess
[54] Ara a fol 120 *et seq* tal-proċess
[55] Ara a fol 136 tal-proċess

tal-*pre-sentencing report* relattiv[56] il-partijiet awtorizzaw lil Din il-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza[57];

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata kien mixli talli nhar id-9 ta' Jannar 2024 u fil-ġranet u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Attard u f'diversi postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil ommu u ċioe' ***OMISSIS***, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u liema delitt sar bit-theddida ta' arma li taqta' u bil-ponta;

2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ommu, u ċioe' ***OMISSIS***, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, inġurja, u/jew hedded lil ommu ***OMISSIS*** bi kliem;

4. Għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika;

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet imsemmija, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi

[56] Ara n-nota bil-ġurament tal-Probation Officer Maria Mifsud datata t-13 ta' Frar 2025 a fol 141 *et seq* tal-proċess
[57] Ara l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2025 a fol 178 tal-proċess

legali tad-dikjarazzjoni tiegħu, u wara li tagħtu ż-żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' mill-ammissjoni tiegħu, għażel li jikkonfermaha, u konsegwentement, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. L-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju pjuttost matur ta' dawn il-proċeduri, li għaldaqstant imur kemxejn lil hinn minn dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[58] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[59] [60], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u dan *stante* li fil-każ odjern, din l-ammissjoni kienet reġistrata fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024[61] wara li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat il-provi tagħha magħluqin fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024[62] u l-kawża kienet differita għall-Provi tad-Difiża, u għalhekk l-ammissjoni odjerna trid tittieħed f'dan il-kuntest;

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

3. Il-Fedina Penali relattivament netta tal-imputat;

4. L-imputazzjonijiet infushom, li primarjament jittrattaw reati fil-konfront ta' ommu il-*Parte Civile* **OMISSIS**, fosthom biża' ta' vjolenza li sar b'theddida ta' arma li

[58] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997
[59] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002
[60] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4
[61] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 120 *et seq* tal-proċess
[62] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 109 *et seq* tal-proċess

taqta' u bil-ponta, inġurji u theddid u użu mhux xieraq ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni fil-konfront tagħha, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

5. Li l-imputat, *stante* li kien għadu minorenni fiż-żmien tal-inċident, u li minħabba f'dan, jibbenefika minn tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Id-dikjarazzjoni tal-*Parte Civile* **OMISSIS** fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024[63] li ma tixtieqx li din il-Qorti toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur tagħha *stante* li l-intenzjoni tagħha hija li wara l-imputat ilesti mill-programm residenzjali ġewwa Tal-Ibwar, jirritorna jirrisjedi mal-istess *Parte Civile* u missieru;

7. L-andament tal-imputat matul dawn il-proċeduri minn wara li beda jkun segwit mill-*Probation Officer* Maria Mifsud fuq Ordni ta' Trattament u Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni, dak konstatat mill-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East u l-Psikoterapista Claire Frendo fir-rapport tagħhom, u konklużjonijiet u fatturi idenitifikati mill-*Probation Officer* Maria Mifsud fil-*Pre-Sentencing Report* imħejji minnha, u r-rakkomandazzjonijiet fl-istess rapport;

8. Dak li jintqal fir-rapport tal-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East, u ċioe' li mill-ewwel vista tat-8 ta' Marzu 2024 l-imputat, li jirriżulta li jbati mill-*ADHD*, permezz ta' trattament wera kambjament sinifikanti meta nvistatu fl-aħħar f'Ġunju 2024, u d-dijanjosi ta' "***severe anxiety disorder***", "***emotional dysregulation secondary to attachment issues***" u "***substance use disorder***";

9. Dak li jintqal mill-Psikoterapista Claire Frendo għal CARITAS fl-istess rapport, u ċioe' li l-għan tal-psikoterapija, li bdiet fl-14 ta' Marzu 2024, ikun ta' għajnuna sabiex l-imputat jitgħallem jirregola l-emozzjonijiet tiegħu, u jitgħallem jifhem, jaffaċja u jegħleb id-diffikultajiet li għandu li wassluh sabiex jibda jikkonsma d-droga billi jingħata opportunitajiet alternattivi sabiex ibiddel il-burdata tiegħu u jżid il-kunfidenza fih innifsu;

---

[63] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 120 *et seq* tal-proċess

10. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* tal-*Probation Officer* Maria Mifsud, li fih kienu identifikati s-segwenti fatturi:

    a. L-imputat wera dispjaċir u rimors għal dak li għamel lil ommu;

    b. Li permezz tas-servizz ta' terapija tal-famlija, illum il-ġurnata l-imputat jgħid li għandu relazzjoni ferm aħjar mal-ġenituri tiegħu, li ħadu r-rijabilitazzjoni ta' binhom bis-serjeta', tant li pparteċipaw f'kull attivita' li jkunu mistiedna għaliha;

    c. Li mill-intervista li għamlet il-*Probation Officer* mal-vittma ta' dawn l-imputazzjonijiet, u ċioe' omm l-imputat, kienet sodisfatta ferm bil-mod ta' kif il-Pulizija u l-Qorti mxew fuq il-bżonnijiet ta' binha;

    d. Li m'għandu ebda proċeduri oħra pendenti fil-konfront tiegħu, b'sejbien ta' ħtija waħda dwar każ ta' sewqan mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco li seħħ fl-2022;

    e. Li l-imputat kellu trobbija tajba u ma kien jonqsu xejn, u li sar ħafna xogħol fuq id-dinamika tal-familja permezz tat-terapija tal-familja imsemmija aktar 'il fuq, u sar progress kbir;

    f. Li a rigward vizzji, minn dak li jingħad mill-ġenituri u l-imputat innifsu, "***kien jabbuża minn kważi kull sustanz[a] li kien hawn fis-suq tant li tilef kull kontroll***"[64], u l-ġenituri stqarrew li kemm-il darba "***ħassewhom li tilfu lil binhom***"[65]

[64] Ara a fol 141 tal-proċess
[65] Ara a fol 141 tal-proċess

g. Li matul il-programm residenzjali ġewwa Tal-Ibwar l-imputat ħadem ħafna fuqu nnifsu, tant li wasal fir-raba' fażi tal-istess programm, minkejja li l-imputat stess jistqarr li kien "***vjaġġ diffiċli***"[66] b'"***diversi ostakli koroh***"[67];

h. Il-bżonn ta' assessjar kliniku ulterjuri dwar il-kundizzjoni tal-awtiżmu;

11. Dak li jingħad mill-*Probation Officer* Maria Mifsud fl-istess rapport dwar il-Pjan ta' Kura għall-imputat, bir-rakkomandazzjonijiet segwenti:

a. Li l-imputat ikompli t-terapija mal-familja;

b. Li l-imputat iżomm kuntatt mal-professjonisti tal-Ibwar;

c. Li l-imputat irawwem sens ta' bżulija fih innifsu, u li jgħix ħajja 'l bogħod mill-vizzju tad-droga;

12. Ir-rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer* Maria Mifsud a rigward il-piena li għandha tkun erogata minn din il-Qorti fil-konfront tal-imputat, u ċioe' li tpoġġih taħt Ordni ta' *Probation* bil-kundizzjoni li jsegwi t-trattament psikoloġiku u/jew psikjatriku u/jew tad-droga skont il-bżonn, u l-importanza li l-imputat jifhem il-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-obbligi imposti minn din l-Ordni, u ċioe' d-Denunzja;

Tenut kont dan kollu, din il-Qorti tqis li ma tantx għandha x'iżżid ma' dak li ntqal aktar 'il fuq, iżda tagħmel enfasi fuq il-fatt li minkejja l-progress li għamel l-imputat matul iż-żmien li għamel taħt trattament u superviżjoni minn professjonisti, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti, filwaqt li tabbraċċja dak li ntqal mill-istess professjonisti *stante* li kienu fl-aħjar pożizzjoni sabiex josservaw il-bidla sinifikanti li saret da parti tal-imputat, m'hijiex marbuta bl-ebda mod bir-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti, speċjalment dawk imsemmija fil-*Pre-Sentencing Report*, u li kieku ċ-ċirkostanzi kienu jimmeritawha, setgħet titratta mal-

[66] Ara a fol 141 tal-proċess
[67] Ara a fol 141 tal-proċess

imputat b'mod aktar sever minn dak rakkomandat. Madankollu, din il-Qorti ma tistax tinjora l-element uman u soċjali f'dawn it-tip ta' każijiet, speċjalment dawk tal-Vjolenza Domestika, u li allura hemm bżonn li jintlaħaq bilanċ bejn il-ġustizzja u l-element soċjali ta' dawn il-każijiet sabiex jintlaħaq l-iskop aħħari ta' piena ekwa u ġusta. Dan jingħad b'mod partikolari in vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fosthom il-bidla sinifikanti li għamel l-imputat permezz tat-trattament u superviżjoni b'dan li minkejja li kellu *relapse* żgħir għaraf l-iżball tiegħu b'dan li kienu hu stess li ddispona mis-sustanzi b'mod volontarju kif jirriżulta minn Dok. MT1[68] kif ukoll it-terapija tal-familja li kemm l-imputat kif ukoll il-ġenituri jidher li ppartecipaw bis-sħiħ, tant li d-dinamika ta' bejniethom tjiebet ferm, u l-omm (il-*Parte Civile* stess) iddikjarat li ma tixtieqx li tinħareġ Ordni ta' Trażżin għaliex l-intendiment huwa li meta l-imputat ilesti mill-programm residenzjali tiegħu, jirritorna jgħix magħha u ma' missieru;

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(g), l-Artikolu 251HA, u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **issib lill-imputat OMISSIS ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu,** iżda *stante* li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati OMISSIS taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza** sabiex ikompli jindirizza l-problemi konstatati mill-professjonisti inkarigati f'dawn il-proċeduri, inkluż li jkompli bit-trattament dwar l-emozzjonijiet tiegħu, jibqa' 'l bogħod mill-vizzju tad-droga u jgħix ħajja ta' bżulija fi trankwilita' mal-familja tiegħu li għaddejjin b'sessjonijiet ta' terapija tal-familja flimkien, b'dan illi l-ħati OMISSIS jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma

[68] Ara a fol 179 tal-proċess

soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza**;**

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-ħati **OMISSIS** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, *nonche* l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **OMISSIS**.

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati **kull tliet (3) xhur**.

*In oltre*, b'żieda mal-piena erogata, wara li reġgħet rat l-Artikolu 49(a) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati, OMISSIS, ħlas ta' multa li, b'applikazzjoni tad-dettami tal-Artikolu 37(2) u l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tkun ridotta għal ammenda fl-ammont massimu *ai termini* tal-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23), li tenut kont il-fatt li nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet f'dan ir-rigward, qiegħda tikkundannah għall-ħlas tal-ammont komplessiv ta' mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46)**.

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-*Parte Civile* **OMISSIS u l-familjari tagħha** jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, tapplika fil-konfront tal-imputat id-dettami tal-Artikolu 383 *et seq* tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* d-dikjarazzjoni tal-*Parte Civile* stess fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024[69] li ma kellhiex ix-xewqa li tinħareġ xi tip ta' Ordni fil-konfront tal-imputat f'dan is-sens għar-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, qiegħda tiċħad it-talba kif dedotta;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li ma ġie nominat l-ebda espert (u dan in vista tal-fatt li l-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East u l-Psikoterapista Ms. Claire Frendo kienu diġa' qiegħdin isegwu lill-imputat fl-IBWAR), l-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

[69] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 120 *et seq* tal-proċess